MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2012

Numru. 598/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**JOSEF BORG**
**THERESE DEGABRIELE**
**JEAN-PIERRE MIFSUD**
**GIUDA TADDEO MIFSUD**
**DARREN RODENAS**
**LOUIS VELLA**
**- OMISSIS -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom:

1. Josef Borg ta' 30 sena, bin Carmelo u Maria Dolores nee Portelli, imwieled tal-Pieta' fil-01.05.1973, u li

joqghod fl-indirizz: Lei Soleil, Flat 2, Triq Salvinu Spiteri, St Venera. Detentur tal-karta ta’ l-identita numru 283173M.

2. Therese Degabriele ta' 21 sena, bint Alfred u Josephine nee' Miggiani, imwieled tal-Pieta' fil-04.01.1982, u li toqghod fl-indirizz: 3 Qasam tal-Bini tal-Gvern, Ricasoli, Kalkara. Detentur tal-karta ta' l-identita numru 50682M.

3. Jean-Pierre Mifsud ta' 25 sena, bin Joseph u Mary nee' Grixti, imwieled tal-Pieta' fil-10.10.1977, u li joqghod fl-indirizz: 55 Triq Bormla, Zabbar. Detentur tal-karta ta' l-identita numru 515477M.

4. Giuda Taddeo Mifsud ta' 51 sena, bin Nazarenu u Mary nee' Mifsud, imwieled Hamrun fil-18.01.1952, u li joqghod fl-indirizz: 164 Dar Annalise, Triq il-Parilja, Santa Venera. Detentur tal-karta ta' l-identita numru 66952M.

5. Darren Rodenas ta' 22 sena, bin Francis u Rosaria nee' Mifsud, imwieled tal-Pieta' fil-22.09.1980, u li joqghod fl-indirizz: 29, Gzira Road, Gzira. Detentur tal-karta ta' l-identita numru 452880M.

6. Louis Vella ta' 31 sena, bin Carmel u Carmen nee' Meli, imwieled Attard fil-22.06.1972, u li joqghod fl-indirizz: Bonsai, 54, Liedna Street, Fgura. Detentur tal-karta ta' l-identita numru 330372M.

7. - Omissis -

Gew ilkoll akkuzati talli:

1. Bejn it-22 ta’ Jannar 2003 u s-26 ta' Marzu 2003, gewwa San Giljan fil-kapacita taghhom ta' private security guards mal kumpanija Personal Security Services Ltd., b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

2. Minghajr awtorizzazzjoni gharrqu it-thaddim ta' xi sistema, software jew l-integrita jew affidabilita' ta' xi data.

Lill Josef Borg wahdu akkuzat talli:

3. Fl-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm800 bi hsara ta' haddiehor.

4. Fl-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn Lm800, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

Lill Therese Degabriele wehida akkuzata talli:

5. Fl-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn Lm600 bi hsara ta' haddiehor.

6. Fl-istess cirkustanzi, approprijat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn Lm600, li giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghha.

Lill Jean-Pierre Mifsud wahdu akkuzat talli:

7. Fl-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm160 bi hsara ta' haddiehor.

8. Fl-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn Lm160, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

<u>Lill Giuda Taddeo Mifsud wahdu akkuzat talli:</u>

9. Fl-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm750 bi hsara ta' haddiehor.

10. Fl-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn Lm750, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

11. Fl-istess cirkustanza, hadem jew kien impjegat bhala gwardjan privat minghajr ma kien licenzjat mill-kummissarju tal-pulizija.

<u>Lill Darren Rodenas wahdu akkuzat talli:</u>

12. Fl-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi

nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm730 bi hsara ta' haddiehor.

13. Fl-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn Lm730, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

14. Fl-istess cirkustanza, hadem jew kien impjegat bhala gwardjan privat minghajr ma kien licenzjat mill-kummissarju tal-pulizija.

15. B'hekk ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' probation ghat-termini ta' l-artiklu 5 tal-Kap 152, imposti fuqhu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta' Mejju 2002.

<u>Lill Louis Vella wahdu akkuzat talli:</u>

16. Fl-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm2395 bi hsara ta' haddiehor.

17. Fl-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn Lm2395, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

Lill - omissis -

18. - omissis -
19. -omissis -

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 15 ta’ April, 2005 u nnutat li l-imputati kollha m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi prodotti, l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Josef Borg, Therese Degabriele, Jean-Pierre Mifsud, Giuda Taddeo Mifsud, Darren Rodenas u Louis Vella ma gewx sufficjentement ippruvati.

Difatti mill-provi processwali jemergi li tali akkuzi fil-konfront tal-imsemmija imputati Josef Borg, Therese Degabriele, Jean-Pierre Mifsud, Giuda Taddeo Mifsud, Darren Rodenas u Louis Vella jemergi dubbji serji dwar is-sussistenza tar-reati addebitati lill-imsemmija imputati.

Il-Qorti tosserva li mill-provi prodotti jemergi li l-mekkanismu ta' kif kienu jahdmu l-imputati kien wiehed konfuz. Jemergi ukoll li is-sistema ta' xoghol kienet wahda difettuza hafna u inoltre kien hemm nuqqasijiet amministrattivi.

Il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Therese Degabriele li fis-Seduta tal-5 ta’ Dicembru, 2007, qalet:

"Nghid jiena bdejt ix-xoghol tieghi mal-kumpanija personal security Services Limited bhala Security Guard fit-8 ta' Dicembru tas-sena 2002. Nghid fit-12 ta' Frar tas-sena 2003 jien kont gejt assenjata biex naghmel ix-xoghol gewwa l-kiosk tal-car park ta' l-Eden Leisure ta' San Giljan. Nghid jiena domt naghmel dan ix-xoghol qisu bejn wiehed u iehor iktar minn xahar u nofs. Dan ix-xoghol lili kien jinvolvili illi meta jigi nies beix huma johorgu minn gol-

car park dawna jigu ghandi. Dawna jew ihallsu lili jew inkella jhallsu tramite magna. Imbaghad nghid illi kienu jigi haddiema jew suppliers li jahdmu fil-bini t' hemmhekk u cioe' impjegati jew suppliers illi jkollhom bzonn jaccedu ghal bini t' hemmhekk u dawna jiena kont nifthilhom il-barrier biex johorgu pero' dawna ma kienux ihallsu.

Nixtieq nghid illi bhala training jekk wiehed isejjahlu hekk kont gejt ordnata li naghmel shift ta' tnax -il siegha fuq dana it-tip ta' xoghol. Pero' nghid lanqas it-tnax -il siegha kollha m'ghamilt ta' dan ix-shift bhala training ghaliex kienu baghtuni nixtri. Nghid min urieni kien kollega tieghi li kien Daren Rodenas li hu wiehed ukoll mill-ko imputati f' dina l-kawza pero' nghid illi lanqas hu ma kien jaf ihaddem sew il-magna. Nghid kien is-supervisor Stephen Camilleri li kien qabbad lil Daren Rodenas biex dana jurini kif tithaddem il-magna u jaghtini t-training. Nghid kien l-istess Daren Rodenas li lili kien qalli li hu l-magna ma tantx kien jaf ihadimha. Ahna ma inghatajna l-ebda forma ta' xi kotba jew leaflets biex inkunu nistghu inhadmu dina, dan il-makkinarju.

In kwantu ghal buttuna F1 li kellna nuzaw dina kienet buttuna li bhala funzjoni kellha li tgholli l-barrier biex ikunu jistghu johorgu n-nies. U nghid illi dina l-F1 kellha tintuza fil-kazijiet fejn persuni illi ma jkunux hallsu fis-sena ghaliex ikunu jew guests ta' wiehed mid-Diretturi jew inkella ghax ikunu impjegati jew suppliers li allura ma kellhomx ihallsu jew inkella fil-kazijiet ukoll fejn wiehed ghalkemm ikollu l-card, il-card ma tkunx qed tiffunzjona allura tinqala' n-necessita' li allura jkollha tittella' din il-barrier tramite it-taghfis ta' l-F1 jiena f' dak il-kazijiet kont naghfas l-F1.

Fil-kazijiet ta' min ikun hallas dana imbaghad tramite il-biljett imbaghad huwa dana jinserih fil-makkinarju u tghola l-barrier. Ma jkunx hemm il-htiega ta' l-uzu tal-buttuna F1. In kwantu ghal din il-buttuna F1 oltre l-uzu li ghadni kif spjegajt ghal xiex kelli nuzaha, kont inghatajt struzzjonijiet li dina l-buttuna ma tantx nolqotha u kienu qaluli wkoll li jiena once li nkun ghafastha l-buttuna l-F1 huma jkollhom immarkat ghalhekk m'ghandiex ghalfejn nibza' jekk jien inkun ilqatta' darbtejn. Nghid illi kien hemm okkazzjonijiet

fejn jiena accidentalment ilqatt il-buttuna F1. Kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn jiena l-F1 ghafastha biex titla' l-barrier. Il-barrier ma telghetx, ghafastha darbtejn ohra biex tkun tista' titla' l-barrier pero' l-barrier xorta baqghet ma telghetx.

Nghid dan ta' l-ahhar l-iktar li jissuciedi kien meta kienet taghmel ix-xita jew jinqata' d-dawl. Nghid fil-fatt meta kienet taghmel ix-xita, ix-xita kienet taqa' fuq dak li wiehed jista' jsejjahlu sensor u b' hekk allura l-barrier ma tkunx tista' titla'. Nghid illi l-ewwel okkazzjoni li grali hekk jiena peress li ma kontx naf nutilizza l-computer ippanikjajt u ngabru numru ta' nies. Nghid deher pero' kumbinazzjoni id-Direttur Decesare li dana spjegli li f' dak il-kaz kelli nuza c-cavetta biex once illi nutilizza c-cavetta, il-barrier titla' u nhalliha mghollija. U jiena ghamilt kif qalli hu.

Imbaghad Decesare tani struzzjoni f' din l-okkazzjoni li jiena noqghod hdejn il-barrier. Biex inhalli l-karozza tghaddi kellha ittini l-ircevuta. Fil-kazijiet fejn jinqata' d-dawl nghid dana kien jikkreja sitwazzjoni li l-barrier ma tahdimx, il-computers ma jahdmux ukoll u nghid illi fil-fatt kien ikun hem il-htiega ta' technician.

Nghid illi lanqas il-magna li wiehed jaghmel il-hlas biha ma kienet tkun qed tahdem f' kaz illi jinqata' d-dawl, ghalhekk ma stajtx noqghod jien hdejn il-barrier u nara l-ircevuti once illi lanqas setghu jinhargu. Nixtieq nghid in kwantu ghal F1 jiena kelli struzzjonijiet illi stante l-F1 ikun gie registrat fuq ghand l-aministrazzjoni illi jiena nkun ghafastha l-F1 ma kienx hemm ghalfejn jiena noqghod nirregistra kull darba fil-ktieb kull meta naghfas il-buttuna F1. Fis-sens illi jiena kelli niktibhom pero' jekk ma nlahhaqx, ma nlahhaqx u nikteb kemm inkun lahhaqt. Nghid illi jiena fil-fatt li ghamilt hu li kont nikteb sa kemm inlahhaq. Meta imbaghad ingibditilna l-attenzjoni li hemm diskrepanzi bejn n-numru ta' entries fuq il-ktieb ta' kemm ghafasna l-F1 ma' dak li ghandhom registrat l-amministrazzjoni u ghalhekk tawna struzzjonijiet biex noqghodu iktar attenti u jiena hekk ghamilt.

U ma fallejtx wahda. Nghid illi fil-kazijiet fejn il-buttuna F1 kienet wahlet u gieli kelli naghfasha tliet darbiet jien dawn ma kontx nirregistrahom fil-ktieb. Nghid illi meta jkun hemm il-hsarat gieli jkun hemm Stephen Camilleri li kien is-Supervisor tieghi pero' dana wkoll fic-cirkostanzi meta kienu jinqalghu l-hsarat ma kienx jaf x'jaqbad jaghmel. Huwa l-unika haga li kien jaf iqabbad kien F1. Shift tieghi kienu jiehdu tnax -il siegha u cioe' mis-sebgha ta' filghodu sas-sebgha ta' fil-ghaxija.

Nghid jiena meta kont inkun shift ta' tnax -il siegha gieli kont nillarga. Kelli bzonnijiet naturali u allura kellu l-htiega li kulltant nillarga. U nghid meta kont nillarga kien joqghod minfloki Steve Camilleri. Jiena qatt ma llargajt minn fuq il-post tieghi u ma kontx hallejt xi hadd floki. Ovvjament wiehed meta jmur jaghmel il-bzonnijiet naturali m'hemmx kalkolu fis ta' hinijiet. Nghid gieli domt seba' minuti u gieli domt aktar. Nghid jiena kont nillarga minn posti kull meta kont naf li kien hemm Steve Camilleri hdejja. Nixtieq nghid illi fil-kazijiet fejn jiena kelli bzonn nillarga minn posti u kien joqghod minn floki dana Steve is-Supervisor nghid dana suppost kien jaf iktar minni kif jimxu l-proceduri pero' dana spicca li meta kien jghafas l-F1 fl-assenza tieghi dana ma kienx jirregistrahomli fil-ktieb. Dan qaluli l-istess Steve is-Supervisor. Nghid illi wara li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kien inqata' d-dawl kien gie persuna specjalizzata li lilna urietna kif meta fil-kaz li jinqata' d-dawl ahna nkunu nistghu nissejvjaw il-programm tal-computer u dan biex ma tithassarx is-sistema tal-computer.” (Sottolinjar tal-Qorti).

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qalet:

“Nghid illi qed nigi mistoqsija in kwantu in-numru ta' drabi li kien inqata' d-dawl nghid illi kien hemm diversi okazzjonijiet ghaliex tista' tghid kull meta kienet taghmel ix-xita kien jispicca jinqata' d-dawl. Nghid fl-ewwel okazzjoni li kien jinqata' d-dawl kien ghamel l-isbah siegha u nofs qabel ma dawl rega' gie lura. Nghid f'okkazzjoni minnhom fejn kien hemm id-Direttur Decesare u kien inqata' d-dawl nghid illi jiena tajtu c-cavetta tal-barrier lil Decesare. Dana gholla l-barrier u beda jiehu n-numri tal-

karozzi li bdew hergin bil-hin hu. U nghid illi jiena meta kien ikolli s-sitwazzjoni li jinqata' d-dawl u ma kienx hemm Decesare li ghamilt hu li cempilt lit-technician biex jigi halli tissewwa. Nghid in kwantu l-ircevuta li persuna tinghata wara li tkun halset din ma tkunx  tindika l-isem u l-kunjom tal-kaxxier. Nghid illi jiena konna bhala impjegat konna naghmlu handing over lil xulxin. Meta kien imiss lili niccekja lil dak ta' qabli, imbaghad dak ta' warajha jiccekja lili. U nghid li jiena darba sibt diskrepanza ma' dak ta' qabli, kienet fuq l-ammont ta' hames liri u nghid li m' huwiex wiehed mill-imputati li hawn prezenti fl-Awla. Nghid kien Mario Cardona li lili kien qalli li fil-kaz tieghi kien hemm diskrepanza fl-ammont ta' sitt mija u tmitax il-lira. u lili qaluli li kienu waslu ghal dana l-ammont ghax kienu qabdu espert u dana kien hadem dwar kemm il-darba jiena kont ghafast il-buttuna F1.

In kwantu ghal ammonti kemm jiswew it-tickets nghid illi insejt. Pero' naf zgur illi min kien ikollu it-ticket u jitilfu kien ikollu jhallas zewg liri u nofs. Nixtieq nghid li fil-kazijiet li persuna tkun tilfet it-ticket li jigri kien li din thallasni two fifty u jiena naghtiha ircevuta. Imbaghad din il-persuna meta tavvicina l-barrier turini l-ircevuta u jien naghfas F1 il-barrier titla u tkun tista' tohrog. Nghid illi fil-kazijiet fejn jiena kelli nohrog ricevuta wara li nkun hallast two fifty minhabba lost ticket dana fir-registru tieghi kont nindika lost ticket. Nghid illi jiena pero' onestament mhux dejjem irregistrajt fil-ktieb illi jiena dana kien kaz ta' lost ticket. Nghid ir-record jista' jkun jigi tresjat fil-kazijiet tal-lost ticket ghax once li nkun hrigt ircevuta tal-VAT dana kien jindika il-hin ta' meta jiena kont l-ircevuta. Dan ikun jista' allura jigi verifikat u dan ikun jista' jigi verifikat u ccekjat mal-hin li ghafast l-F1. Nghid in kwantu ghal ricevuta tal-VAT jiena dina kull meta kien hemm necessita' li nohrog ircevuta tal-VAT dejjem hrigtha.

In kwantu ghal meta wiehed jigbed ticket biex ikun jista' jidhol gewwa l-car park jiena li naf huwa li fuq dan it-ticket ikun hemm indikat il-hin li gibed it-ticket. Pero' jekk kemm -il darba dan jirregistrax ruhu eletronikament x' imkien dan ma nafx. Nghid jiena access ghal din l-informazzjoni ma kelliex u nghid jien bil-kemm naf inhaddem il-computer.

Qed nigi mistoqsija sabiex jiena nikkonfermax jew le li jiena ma hadtx xi flus matul ix-xoghol li jiena ghamilt f' dan il-qasam tal-car park ghaliha u dan mod abbusiv u illegali liema flus kienu jappartjenu lil kumpanija jiena nghid bil-gurament tieghi jiena ma hadt l-ebda flus illegali jew abbusivament.” (Sottolinajr tal-Qorti).

Il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Darren Rodenas li fis-Seduta tat-22 ta’ Ottubru, 2008, qal:

"Nikkonferma li jiena kienu baghtu ghalija l-Pulizija. Interrogani l-Ispettur Joseph Cordina u jiena kont irrilaxxajt stqarrija. Jiena nikkonferma illi in kwantu ghal istqarrija tieghi l-Ispettur Cordina kien tani twissija skond il-Ligi. Jien ghazilt illi nwiegeb ghad-domandi u wkoll ghazilt li niffirma l-istqarrija u dan ghamiltu ghax jiena m' ghandiex x' nahbi. Nghid illi ghadha kif inqratli l-istqarrija tieghi li hija esebita fl-atti ta' din il-kawza bhala dok CJ 20 u jiena nikkonferma l-kontenut kollu ta' din l-istqarrija. Nghid illi t-technician tal-Kumpanija tal-barriers kien ragel pero' li ma niftakarx x' jismu.

Nghid illi l-barriers kienu jaghtuna hafna hsarat u meta ncemplu lil dan it-technician kien jigi l-Manager tas-Cynergi. U dan qalulna biex ma ncemplulux ghax talli jaqbad it-telephone disghin lira (Lm90). Jiena nichad illi jiena qatt baghat xi flus u dawwartu a profit tieghi. Nghid illi dwar allegati abbuz mill-flus ma saret l-ebda investigazzjoni nterna fil-kumpanija. Nghid jiena sirt naf dwar dana l-kaz meta kien baghat ghalija l-ex Spettur Joseph Cordina. Nghid jiena d-Diretturi li kienu jmexxu l-Car Park lili qatt ma baghtu ghalija biex ikelmuni dwar dawn l-affarijiet. Nghid illi in kwantu ghal ordnijiet li jirrigwardjaw li ma jsirx hlas minn dawk li jaghmlu d-deliveries harigha s-Supervisor Stephen Camilleri u mbaghad ahna kellna kartuna b' numru ta' kuntratturi u Periti li dawna meta naraw in-number plate tal-Karozza taghhom nifthulhom, ma jhallsux.

Nghid illi f'okkazzjoni minnhom fejn kien hemm il-mara li jidhirli kien Ian Decesare dina riedet tidhol u riedet tidhol ghaliex qalet biex nifthilha ghaliex il-card taghha ma kinitx

qed tahdem jiena bdejt nirrifjutalha. Hi imbaghad bdiet tirrabja mieghi u accettajt imbaghad. Nghid illi jiena m' ghandi x' inzid xejn ma' dak li diga' ghidt." (Sottolinjar tal-Qorti).

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Nghid illi jiena f' Ottubru tas-sena 2002 bdejt nahdem ta' Security mal-Personal Security Services Limited. Jiena kont Security gewwa s-sulari tal-Lukanda Intercontinental Hotel. Niftakar li f' Dicembru 2002 kien gie supervisor fuqi u qalli biex jiena mmur malajr il-Car Park ghax min ghada konna sejrin nibdew xoghol gewwa l-car park u ghalhekk kien baghtni biex nara x' kienu qed jaghmlu. Dan vuol diri konna ha niehdu xoghol ta' kumpanija ohra. Nghid jiena bhala forma ta' training kien li ghamilt siegha ma' haddiehor, il-bqija ma nghatajt l-ebda forma ta' training.

Nghid illi f' dik l-okkazzjoni ftit kienu dahlu nies. Wiehed kwazi kwazi jista' jghid lanqas jista' jsejjahlu training dan il-fatt li ghaddejt siegha ma' haddiehor. Nghid dana li qattajt siegha mieghu urieni kif indahhal il-cards gol-magna. Nghid illi jiena bdejt nahdem gewwa il-car park f' Dicembru 2002 u mbaghad domt xahrejn u ghidtilhom li jiena ma stajtx inkompli nadem hemmhekk peress li nbaghti mill-azzma u minhabba d-dhahen tal-karozzi. Jiena tlabt transfer u spiccajt ergajt mort lura fis-sulari tal-lukanda li semmejt. Nghid illi in kwantu Jannar 2003 u Frar 2003 jiena hdimt gol-car park. Inkwantu ghal Marzu 2003 jiena hdimt fis-sulari tal-imsemmija lukanda.

Nghid fil-perjodu ta' bejn Jannar u Frar 2003 dina li tkun ghamlet ix-xita u mbaghad il-makkinarju ta' hlas minhabba li tkun ghamlet ix-xita ma jahdimx ghaliex jixxortjaw nghid sehhet spiss. Fil-fatt nghid sehhet xi hames jew sitt darbiet. Nghid illi meta kien hemm dana n-nuqqas ta' funzjonament ta' makkinarju minhabba li taghmel ix-xita u jkun hemm shortage nghid jiena ma kontx naghmel log in. jiena li kont naghmel, kont naghmel li naghfas l-F1 biex titla' l-barrier. Nghid illi l-problema kienet tinqala' meta taghmel ix-xita li jkun hemm shortage fil-makkinarju tal-barriers. Il-cash jahdem u allura l-flus meta jiena ninghata

l-flus mill-klijent jiena dawn kont inpoggihom fil-cash u jiena nghaddi it-ticket lil persuna, lil klijent.

U jiena nirrilaxxa rcevuta. Nghid meta jkun hemm hsara fil-makkinarju ahna konna ncemplu l-Manager ta' l-Eden. Qed nigi mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur kif nispjega li fix-xahar ta' Jannar meta kont bir-roaster jiena kien hemm mija u erbatax l-okkazzjoni fejn gie maghfus l-F1 u li kien hemm 351 okkazzjoni fix-xahar ta' Frar 2003 fejn gie maghfus l-F1 u dana meta kont qieghed shift jiena. Dwar dan nispjega li kien hemm dan in-numru kollu ghaliex kien ikun hemm hafna deliveries.

Nghid illi dan kien perjodu fejn il-lukanda kienet qeghda tinbena u ghalhekk kienu jidhlu hafna Periti u kuntratturi u anki deliveries li f' dan il-kaz ma kienx ikun hemm hlas fl-entry. Nghid jiena l-entries tad-deliveries kont nillogjahom. In kwantu ghal Periti u Kuntratturi jien kelli l-lista bil-number plate taghhom u allura jiena ma kienx hemm il-htiega li nillogjahom ghaliex jiena kelli l-lista ta' min ghandi nhalli jidhol u dawna ma' jhallsux. Nghid illi kien hemm kuntrattur partikolari ma niftakarx x' jismu li ghal deliveries kien jidhol madwar 15 -il darba kuljum u dana meta kien fix-shift tieghi. Naf li dan il-kuntrattur kellu l-Kumpanija bl-isem ta' Petra.” (Sottolinjar tal-Qorti).

L-istess imputat fl-istess Seduta in ri ezami qal:

“Nghid illi mill-lista li kelli li kienu Periti u Kuntratturi awtorizzati li jidhlu b' xejn u dan jinkludi wkoll designers kien hemm madwar 30 persuna hekk awtorizzata. Nghid il-mara ta' Ian Decesare jidhirli li kienet ta' Ian Decesare u bintu, kif ukoll ibnu kienu dawna t-tlieta li huma kienu frekwentement jidhlu b' xejn il-car park. Nghid illi Ian Decesare u Kevin Decesare kienu l-proprjetarji tal-Car Park. Nghid in kwantu ghal Ian Decesare u Kevin Decesare dawn kellhom card biex jidhlu fil-car park u kienet tahdem.

<u>Nghid illi gieli membri tal-familja ta' Kevin Decesare kienu qaluli biex indahhalhom b' xejn pero' jiena qatt ma dahhalthom. Jiena nikkonferma bil-gurament tieghi li jiena</u>

qatt ma dahhalt xi flus fil-but minn dawn l-operazzjonijiet. Jiena dejjem obdejt. In kwantu ghal ordnijiet biex naghfas l-F1 u dana skond il-lista li kien ordnali s-Supervisor u in kwantu ghal meta kien hemm cirkostanzi ohra fejn kien hemm htiega ta' l-intervent tal-manager tal-Eden jiena mxejt skond l-ordnijiet u struzzjonijiet li tani dana." (Sottolinjar tal-Qorti).

L-istess xhud fl-istess Seduta in ri kontro ezami qal:

"Nghid in kwantu ghal familjari li semmejt ta' Ian Decesare dawna kont nghaddilhom it-ticket normali u mbaghad naghfas l-F1 biex huma ikunu jistghu jaccedu minghajr ma jhallsu. Jiena aggixxejt hekk ghaliex stante li mart Ian Decesare lili kienet irrabjatni ghaliex inizjalment jiena ma ridtx indahhalha, jiena ghidt illi jekk kemm -il darba jinqala xi haga jiena kont nghid lil Ian Decesare li kienet martu li riedet tidhol qed nigi mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk jiena stajtx naghfas l-F1, nghid li tinghafas l-F1 biex wiehed jidhol nghid le din ma tistax issir. L-F1 tista' tinghafas biss biex wiehed johrog mill-Car Park." (Sottolinjar tal-Qorti).

L-imputat Josef Borg fis-Seduta tat-13 ta' Settembru, 2010, inter alia, qal:

"...........................................................................................
......................."

"Nghid illi l-car park in kwistjoni kien ta' l-Intercontinental Hotel gewwa San Giljan. Nghid illi l-Intercontinental Hotel fis-sena 2003 kienet ghadha fil-bidu u nghid illi kien hemm xi floors biss li kienu ghadhom lesti, kienu jsiru xi functions pero' nghid li nofs il-lukanda kienet ghadha mhux finished. Nixtieq nghid li l-car park kienet tintuza mill-haddiema kollha tal-construction site, electricians, plumbers li kienu jahdmu fil-kostruzzjoni tal-lukanda, anki dawk li jkunu duty ta' bil-lejl. Nghid dana in oltre kien ikun hemm hafna hbieb ta' Decesare li dan kien jaghmel hafna functions. Nixtieq nghid li kemm hu kif ukoll oht kienu jigu juzaw l-car park. Nixtieq nghid illi dan Decesare kien jigi, jdoqqlok il-horn u anka jekk ikollok in-nies dana kien jaqla' storbju biex jghaddi dak il-hin. Nixtieq nghid ukoll li kienu jidhlu l-vetturi

tad-deliveries bhal tal-halib, tal-hobz u tal-haxix, dawn ikunu vetturi li jkunu dehlin u hergin u kienu anke jidhlu wkoll il-vetturi tal-gbir ta' l-iskart. Nghid u dan bil-Gurament tieghi li fl-ebda moment ma baghbast xi flus jew nkella fl-uzu ta' dawn it-tickets jew u la jien personalment u lanqas flimkien ma' terzi. Dan inizjalment kont allokat fix-xoghol fil-lukanda propja l-Intercontinental. Nghid illi mbaghad meta kienet lestiet r-reception u nfetah il-function tar-reception, konna gejna mitfughin il-car park. L-ordni kienet ta' Mario Cardona. Jiena allura domt addett mal-lukanda u allura gol-lukanda xi sena u nofs. Jiena mbaghad fil-car park hdimt ghal perjodu ta' tliet xhur sa erba' xhur. Nixtieq nghid illi qabel ma jiena mort biex nahdem gewwa l-car park ma nghatajna l-ebda forma ta' tahrig fix-xoghol li kellna naghmlu gewwa l-car park. Nixtieq nghid li ahna prattikament tghallimna nahdmu gol-car park bit-trial and error.

In kwantu ghar-registrar tal-vannijiet bhal tad-delivery fuq logbook, jiena lanqas hadd ma kien qalli u lanqas kont naf li dana kelli nirregistrahom. Nixtieq nghid li meta jiena kont inkun night shift hadd mill-management ma kien jigi fuqi u jispjegali kif ghandi naghmel l-affarijiet. Nixtieq nghid li l-istruzzjonijiet li kellna minghand il-management fuq dawn tad-deliveries bhal tal-halib u tal-hobz kienu kif ukoll in kwantu ghal construction work employees, dawna l-instructions tal-management kienu li dawna nhalluhom jidhlu ghax dawn kienu qeghdin fuq xoghol u hadd minnhom, qieghed nirreferi ghall-management ma qalulna li dawn kellna nirregistrawhom fuq ktieb. Nixtieq nghid illi peress li lili l-management qatt ma taghni spjegazzjoni x'ghandi naghmel fuq il-biljetti tad-discounts, jiena kont inzomm il-biljetti bhala garanzija ghalija personali fis-sens biex meta fis-2am jew t-3am jigi l-management tal-Eden Cinemas li kienu jiehdu z-Z readings tal-cash register, jiehu tliet readings tal-computer u jiehu l-flus u jqabbilhom plus li jiena kont nghaddilhom ukoll il-biljett tad-discount biex juri li dana kien hareg b' xejn. Nghid illi kont nuza l-F1 ghaliex il-biljett u hawnhekk qieghed nirreferi ghall-biljett tad-discount, kont nzommu jiena ghar-raguni li diga spjegajt u allura nghid li l-persuna kont naghrafha kin idoqqli l-horn u allura jiena naghfas l-F1 biex hu jkun jista'

jghaddi. Nghid bhala functions dak iz-zmien kien ikun hemm kwazi kuljum. Nixtieq nghid illi meta jiena ghedt li tal-management ma kienux jigu bil-lejl biex ituna struzzjonijiet, jiena kont qieghed nirreferi ghall-management tal-personal securities. Nixtieq nghid illi l-F1 kienet tintuza wkoll meta f' kazijiet li jkun hemm hsara u hsara tkun perezempju meta fil-kaz ma ttikx il-biljett mad-dhul. Nghid illi meta kienet taghmel hafna xita u allura l-lukanda kienet ghadha fi stat ta' bidu u jekk is-sistema ma ttikx il-biljett fid-dhul, awtomatikament ma jkollokx biljett biex tohrog. F' kazijiet bhal dawn kellna rata kemm tehel is-sija u konna niehdu n-number plates tal-karozzi u kien hemm log book ghal dan il-ghan u konna niktbu x' hin persuna tkun dahlet bil-vettura sa x' hin li tkun harget. Jien meta l-persuna mbaghad tkun se thalli l-car park kont nippancja r-rata fuq il-cash register u niftahlu bl-F1. Nghid illi r-rekords tal-hlas kien ikun imnizzel fiz-Z readings. Is-sena l-ohra kienet li tintuza l-F1 meta jkun hemm haddiema tad-deliveries jew tal-construction kif ukoll l-impjegati kif ukoll il-familjari tal-familja Decesare." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Jean Pierre Mifsud li fis-Seduta tat-13 ta’ Settembru, 2010, qal:

"Nghid illi ghada kemm inqrat l-istqarrija tieghi li esebita fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok CJ 18 u jiena nikkonferma l-kontenut kollu taghha. Nghid jiena kont nahdem filghodu, xi darba jew darbtejn biss hdimt ix-xift ta' bil-lejl. Nghid fix-xift ta' filghodu kienu jidhlu l-periti, tad-deliveries u haddiema. Jiena kont naf li kelli l-obbligu li dan it-tip ta' nies innizzel l-entry taghhom fil-log book. B' referenza ghal domanda li qieghda ssirli rigwardanti l-statement tieghi li nqrali aktar qabel illum u fejn jiena ghedt illi jista' jkun huwa li jkunu hargu xi vetturi ta' deliveries u ma nkunx nizzilthom fuq il-log book, dan l-aktar li forsi li jkun gara huwa li nkun drajt lil dak li jkun u allura nhallih, nghid jiena dan kien ifisser ghaliex jiena l-persuna nkun naf li huwa tal-haxix jew tal-halib jew li jkun il-perit allura jien ma kontx innizlu. Dan jiena ma kont niehu l-ebda favuri jew xi hlasijiet minn taht. Jiena nghid illi sippost jiena kont

nnizzilhom u jiena ma kontx nnizzilhom ghax kont naf min huma u kont naf kemm idumu hemmhekk u allura ma kontx nara l-htiega li nnizzilhom pero' dana bl-ebda intenzjoni kriminali jew ta' xi vantagg ghalija. Qieghed nigi mistoqsi kemm domt nahdem mal-kumpanija Personal Security Services Ltd. Nghid jiena jidhirli li hdimt minn Ottubru tat-2002 sa Marzu tat-2003. Nghid illi lili hadd ma kien kellimni dwar id-diskrepanzi u jiena filfatt meta kienu cempluli u mort id-Depot ma kontx naf ghalxiex kienu sejjhuli hemmhekk. Nghid illi jiena kont tlaqt mill-kumpanija Personal Security Services Ltd. ghax ma' dik il-kumpanija kont nahdem part time u jiena kont sibt job mad-DI Ltd il-Mosta, li kien full time job u paga ahjar. Nghid illi jiena xogholi mal-Personal Security Services Ltd. in kwantu ghall-Intercontinental kien ta' security. L-ewwel li hdimt bhala security fir-reception area u wkoll fil-livell fejn hemm il-kmamar, imbaghad wara avvicinani Mario Cardona biex jiena ninzel il-car park. Dan kien fil-perjodu li jiena kont wasalt fl-ahhar meta kont se nitlaq minn mal-Personal Security Services Ltd. Nghid illi il-car park jiena kont responsabbli mill-cash u jigu l-klijenti bil-biljett, ihallsuni u ntihom ircevuta u l-klijenti johorgu. Kien hemm sistema ohra wkoll ghall-hlas tal-parkegg bil-coin machine. Jien ma kellix x' naqsam mal-coin machine. Nghid illi l-procedura kienet illi persuna biex tidhol tiehu biljett, tmur tipparkja, tmur ix-xoghol taghha jew taghmel il-qadi taghha imbaghad hija u hierga tghaddi minn hdejja u kien hemm l-option li persuna setghet li jew tuza l-coin machine jew thallas lili, jiena niskenja l-biljett, jsir il-hlas lili, jitlalek fuq il-monitor kemm hu l-peak, thallasni, ntiha ircevuta u l-persuna tohrog. Nghid li l-persuna li kienet tidhol il-car park bilfors kien ikollha tiehu biljett. Nixtieq nghid illi ahna kellna lista ta' vetturi li dawn il-persuni ma kienux ihallsu meta kienu jigu biex johorgu. Din kienet tkopri lill-periti, il-vetturi tad-deliveries u l-haddiema ta' kuljum u nghid illi kif ukoll Decesare, l-familjari u l-konoxxenzi. Nixtieq nghid li fil-perjodu li jien kont qieghed nahdem fil-car park ma kienx hemm xi xogholijiet li kienu qeghdin isiru fil-car park izda fil-lukanda kien ghaddej ix-xoghol. Nixtieq nghid illi persuni kienu jidhlu ta' spiss. Gieli perit ikun hareg jerga' jigi wara ftit hin, impjegati bhal haddiema kienu johorgu ghal break u jergghu imbaghad

jidhlu. Nixtieq nghid illi Decesare u l-management tal-Eden, dawn kellhom card biex ikunu jistghu jidhlu u johorgu pero' l-kard kienet skaduta pero' dawn kienu qatt ma rrangawilhom u ghalhekk kellna ahna nifthulhom biex ikunu jistghu johorgu. Nghid illi jiena qatt ma nghatajt struzzjonijiet biex dawn in-nies, qieghed nirreferi allura ghall-management tal-Eden u Decesare innizzluhom fil-log book. In kwantu ghall-vetturi tad-deliveries, jiena kont innizzel xi whud minnhom u ma kontx nnizzel  kollha u dan ghar-ragunijiet li diga spjegajt fid-deposizzjoni llum. Jiena ma naghatajt l-ebda training partikolari meta gejt biex nahdem gewwa l-car park. Nghid jiena meta dhalt nahdem dakinhar li dhalt kien hemm security ta' qabli u beda jghidli liema buttuni naghfas u nghid jiena li ghaldaqstant tghallimt bit-trial and error.

Nixtieq nghid illi jiena l-cash kont niccekkja flimkien ma' siehbi li kien ikun id-duty ta' bil-lejl. konna naghmlu Z reading, naraw miz-Z reading kemm kien hemm qliegh tal-gurnata, nghoddu dawk kif ukoll nghoddu l-cash flow. Ghal dak il-hin is-schedule kien jieqaf hemm. Nghid illi jiena ghal dak il-hin l-obbligu tieghi kien ikun li nara li z-Z reading jaqbel l-ammont ma' tal-cash flow. Nixtieq nghid illi aktar tard wara li jkun sar dan l-ezami tal-cash flow u taz-Z reading kien jigi l-manager, nghid li kien manager tal-Eden u baqa' jigi l-istess wiehed u li dan imbaghad kien jeleva l-flus. Huwa pero' qabel jeleva l-flus konna naghmlu iz-Z reading u nghoddu kollox. Imbaghad dana l-ezercizzju imbaghad kien jaghmlu kollu hu, ma kontx naghmlu jien u mbaghad dejjem qbilna. Jiena nghid u nikkonferma bil-gurament tieghi li jiena fl-ebda stanza kemm domt nahdem fil-car park ma jiena hadt xi flus u vantagg tieghi illegalment jew inkella wkoll flimkien ma' haddiehor jiena hadt xi vantagg ta' xi flus illegalment. (Sottolinjar tal-Qorti).

L-imputat Louis Vella fis-Seduta tat-13 ta’ Settembru, 2010, inter alia, qal:

"..............................................................................................
......................." "Nixtieq nghid illi kemm il-darba is-CCTV camera ma kinitx tahdem u jien kemm il-darba ghamilt

rapport dwar dan u nghid illi meta kien ikun hemm il-machine tat-tickets bil-hsara, darba minnhom dina affetwat il-kompjuter fl-ufficcju. Nghid illi dan kien fil-5am u dak il-hin il-managers tac-cinema li kienu jiehdu hsieb il-car park kienu qeghdin id-dar taghhom. Peress illi l-managers kienu qedghin id-dar, jien fil-5am cempilt lit-technician u dan qalli biex naghmel Control, Atl u Delete, jiena hekk ghamilt. Jiena mbaghad xis-7am rcevejt telefonata kont wasalt id-dar tieghi. Dan kien minghand l-operations manager Mario Cardona. Dan staqsini jekk jien dakinhar kontx cempilt lit-technician, jiena rrispondejt fl-affermattiv u dana qalli biex ma nergax naghmilha u dan qaluwuli l-manager tal-Eden Leisure ghax darb'ohra l-hamsa u ghoxrin lira (Lm25) nehilhom jien. Jiena staqsejt allura x' kelli jiena naghmel u dan qalli darb'ohra fendi ghal rasek. Nghid illi jiena fl-ebda okkazzjoni ma hadt xi flus ghalija personalment billi jiena hallejt lil xi hadd jidhol gewwa l-car park. Nixtieq nghid li bhala tahrig li nista' nghid huwa li kieni baghtuna lejl ma' kumpanija Securitel u dawn kienu tilfu l-kuntratt kienu naqra bil-glied maghna, lanqas hallewni kwarta fil-kamra fejn kellhom ituna t-training. Dan kien sippost kors ta' tnax -il siegha. Nghid illi jiena kif diga ghedt kien hemm okkazzjonijiet fejn kelli naghmel diversi rapporti. Dawn kont naghmilhom lill-management tal-Personal Securities, kumpanija li ahna impjegati maghha u ml-management tal-Eden Leisure. Nghid illi Kevin Decesare kellu n-numru personali tieghi tal-mobile. Jiena kemm il-darba kien icempilli bil-lejl u kien jghidli li gejjin tali nies ghandu bhala guest tal-Hotel tieghu u kien jghidli dawn halluhom jidhlu b' xejn u allura dawn kienu jew jidhlu billi jiehdu l-biljett mill-magna u ma jhallsux u dan kien jirregistra li tkun dahlet karozza pero' hlas ma kienux jaghmlu. It-tieni istanza fejn kienet tigri kienet illi meta kien ikun hemm hafna traffiku, allura kien ikun hemm dawn il-guests u anke nies normali li jkunu qeghdin jiffrekwentaw Paceville dak il-hin, kien itini, dan qieghed nitkellem dwar Decesare biex jien nifthilhom l-exit point, allura dan kien ikun hemm registrar ta exit pero' ma kienx ikun hemm registrar ta' entry. Nixtieq nghid dwar oht iz-zghira ta' Kevin Decesare li kellha vettura Hyundai Accent abjad, tigi hi u klikka minn shabha, kienet taqbad u tidhol il-garaxx u dina kemm hi u kemm il-klikka ta' shabha

kienu johorgu il-barra u dawn bla ma jhallsu." (Sottolinjar tal-Qorti).

L-imputat Guida Taddeo Mifsud fis-Seduta tal-15 ta’ Gunju, 2011, inter alia, qal:

"......................................................................................
......................." "Nixtieq nghid illi ahna fix-xoghol illi jiena ghailt referenza ghalih fl-istqarrija tieghi kellna l-okkazzjonijiet fejn sid il-karozza jigi jhallas il-biljett u jdum ma jipprezenta t-ticket minhabba t-traffiku li kien ikun hemm u dan specjalment fil-gurnata tas-Sibt kull ma kien ikollhom cans dawn il-persuni xi ghaxar minuti jew tnax il-minuta. Nghid pero' mbaghad jekk jghaddi dak il-hin ikollu jerga jhallas, pero' dawn ghax ma kienx ikun it-tort taghhom ghax kienu jinqabdu fit-traffic kienu jdumu aktar minn ghaxar minuti biex johorgu u ghaldaqstant dawn kienu iridu ihalsu darbtejn. Nghid f'okkazjoni minnhom jien meta ergajt tlabtilha l-flus biex terga dina thallas dan ried ihebb ghalija u nghid li f'din l-okkazjoni kien hemm il-ko imputat Louis Vella li dan fil-fattkien ikkaverjani hu u nghid illi minn dak inhar l-hemm jiena bhala procedura addottajt illi persun illi kienet diga ghadha kif halset u jiskadu dawn l-ghaxar minuti jew tnax il-minuta kont allura nifthilha jiena biex din ma tigix thallas darbtejn biex tohrog darba. Fil-fatt spiccajna f' sitwazzjoni illi kien ikun hemm puluzija tat-traffiku halli jkun jista jhaffef biex it-traffiku ikun jista johrog iktar malajr. Nghid dana x-xoghol partikulari gewwa l-garaxx nghid jiena ma nahsibx li ghamilt iktar minn tmien (8) irjieli f' dan ix-xoghol.

Nixtieq nghid illi l-lukanda l-Intercontinental fil-perjodu li jiena kont qieghed nahdem fil-garaxx kienet qieghda topera, kien jonqosha biss il-kompletazzjoni ta' xi wing pero' nghid allura fil-perjodu li kont qieghed nahdem jiena kien perjodu fejn kien hemm hafna mill-istaff u mpjegati relatati max-xoghol tal-lukanda li jkunu dehlin u hergin. Insemmi kaz partikulari ta' l-Inginier li dana lanqas kien jieqaf mix-xoghol, allura dak kien diehel u hiereg. Nixtieq inzid nghid ukoll li peress li ahna kellna fuqna planki metakienet tinzel ix-xita din kienettinzel bejn il-barrier allura kien ikolna hsarat li kienu mbaghad jissewwew.

Dawn jaffettwaw sitwazzjoni fis-sens illi allura meta kien ikun hemm il-hsara l-barrier ma kienetx titla u ghalhekk meta wiehed ikun dahhal it-ticket allura kellna ahna nifthulhom bic-cavetta. Nghid illi jiena f' dan ix-xoghol tieghi li ghamilt jiena hadt xi flus b' xi mod illegali." (Sottolinjar tal-Qorti).

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma ssibx lill-imputati Josef Borg, Therese Degabriele, Jean-Pierre Mifsud, Giuda Taddeo Mifsud, Darren Rodenas u Louis Vella hatja u tilliberahom mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom stante li dawn l-akkuzi ma gewx sufficjentement ippruvati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------